# Il-Kavallier Vincent Parnis(1921-2013)

Silvio Azzopardi Dip.B.A. (Hons.) - Segretarju Soċjetà Dun Filippu Borgia

Fit-28 ta' Frar tas-sena kurrenti, ħalla din id-dinja l-Kavallier Vincent Parnis, personaġġ li ħalla impatt kbir fuq l-istorja ta' Birkirkara.

Xtaqt nikteb dwar dil-persuna u nagħti ftit aspetti tal-personalità ta' Vincent filwaqt li nitfa' dawl fuq il-ħiliet tiegħu u l-kontribuzzjonijiet li ta matul ħajtu. Inħoss li kont fortunat li għal diversi snin tkellimt ma' Vincent, ħdimt miegħu u tgħallimt minnu u għalhekk nista' naqsam magħkom xi esperjenzi li għaddejt minnhom. Qabel bdejt nikteb, għamilt ukoll sensiela ta' mistoqsijiet lil ibnu Noel, li kien ta' għajnuna kbira u li żgur mingħajr l-informazzjoni li tani ma kontx inkun nista' ngħaddihom f'dan l-artiklu. Nistqarr magħkom li nħossni xi ftit jew wisq kommoss u dan għax inħoss li kbirt ma' Vincent mhux biss fl-età imma ankè intellettwalment. Vincent Parnis kien sors ta' ispirazzjoni għalija, persuna dedikata u li għeni nikber biex napprezza u nħobb aktar l-istorja ta' Birkirkara u l-wirt tal-poplu Karkariż.

Vincent Parnis twieled f'Birkirkara fis-7 ta' Novembru tal-1921. Kien l-ewwel wild ta' Anthony u Manwela née Borg, li kellhom wild ieħor. Oħtu Giovanna twieldet erba' snin warajh u ħalliet din id-dinja propju xahar biss warajh. Vincent ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja ta' Birkirkara. Biss għalkemm ma marx skola sekondarja żgur li l-istudju tiegħu ma waqafx hemm. Kellu l-kapaċità li jistudja waħdu u fil-fatt kompla jitgħallem waħdu diversi suġġetti varji. Beda jaħdem bħala skrivan it-tarzna ta' età żgħira u l-esperjenza u l-ħbiberija li kiseb partikolarment mal-Ingliżi għenitu tabilħaqq javvanza l-ħiliet tiegħu fil-lingwa Ingliża u fil-Matematika; suġġetti li baqa' jispeċjalizza fihom matul iż-żmien.

Għal xi żmien, ħadem ukoll bħala *Civil Engineering Lab technician*. Bażikament kien iħejji l-esperimenti fuq l-istruttura u s-saħħa ta' diversi taħlitiet ta' konkos (konkrit) għall-istudenti tal-Fakultà tal-Arkitettura tal-Università ta' Malta. Kien ukoll jagħmel testijiet fuq *samples* ta' konkos li kien ikun qed jintuża fi proġetti tal-infrastruttura anke tal-Gvern. Kien bniedem li jinteressa ruħu f'kollox u kellu kapaċità kbira li jistudja suġġetti varji waħdu li jvarjaw minn mużika għall-arkitettura, mill-lingwi għal snajja' bħall-ganutell, minn storja għal-letteratura, mill-filosofija għall-arti, skultura fil-ġebel u l-injam. Kien jagħmel diversi korsijiet filgħaxija fl-MCAST u Vincent kien ipprova kważi kollox inkluż il-fuħħar. Ta' età żgħira kien irnexxielu wkoll jikseb il-liċenzja ta' bennej u saħansitra fassal l-pjanta u bena d-dar fejn kien joqgħod fi Triq l-Imrieħel. Vincent kellu anke l-ħila jagħmel hu l-madum tad-dar mill-mużajk u pinġa u għamel r-rużuni tal-gallarija f'forma ta' stilla replika ta' dawk fis-saqaf tal-Knisja l-Qadima u tiżjin ieħor arkitettoniku li bih sebbaħ id-dar tiegħu. Hu kien ukoll tellar u kien iħobb jitgħallem suġġetti ġodda... pereżempju ta' madwar sebgħin sena, ftit wara li rtira, għamel il-*Computer Studies* fil-livell Ordinarju, u għadda! U kien tgħallem kollox waħdu.

Hu kien jogħxa fuq ir-riċerka, id-deċifrar ta' dokumenti antiki, u fuq il-lingwa Latina. Kien jispeċjalizza b'dedikazzjoni kbira fit-traduzzjonijiet ta' testi mil-Latin għall-Malti. Nistqarr li qattajt sigħat sħaħ miegħu naqraw kuntratti antiki u nqallbu fil-paġni tad-dizzjunarju u t-teżawru biex nagħmlu traduzzjonijiet ta' kuntratti tal-fundazzjonijiet tal-Kolleġġjata, kawżi tas-*Sacra Romana Rota* u nippreparaw dokumenti għall-kawża li s-Soċjetà istitwiet kontra diversi awtoritajiet rigward il-propjetà tal-Kolleġġjata Bażilika ta' Sant'Elena. B'tant dedikazzjoni u b'ħeġġa kbira kellu d-don li jispjega u jgħallem.

Kellu wkoll ix-xewqa li jekk jista' jkun igħaddi dak kollu li jaf lil min jinteressa ruħu. Kien jirrakontalna tifkiriet li għex fil-passat u kont nammirah jispjega avvenimenti ta' tmenin sena ilu bi preċiżjoni u dettalji anke żgħar, tant li meta kien jikteb xi artiklu kien joħroġ affarijiet interessanti li jikkumplimentaw l-istorja tal-avvenment partikulari. Dan kollu jixhed il-memorja kbira u preċiża li kellu Vincent.

Darba fost oħrajn irrakuntali avveniment tal-Kumitat tas-Soċjetà Dun Filippu Borgia li kien seħħ xi ħamsin sena ilu. Dik il-ħabta Vincent kien Viċi President tal-istess Soċjetà u kien iddiżapprova ċirkostanza fejn xi membri tal-Kumitat naqsu milli jinformaw lill-Kumitat b'risposta importanti. Vince irrakuntali sal-iċken dettall ta' dak li kien seħħ. Xi ġranet wara ġiet f'idejja l-ittra tal-protesta li kien bagħat lill-Kumitat rigward iċ-ċirkustanza li rrakkuntali u bqajt immeraviljat għax dak li qalli verbalment kien jaqbel perfettament ma' dak li rajt miktub.

Mingħajr dubju ħalla teżori prezzjużi fil-kitba tiegħu għal min jinteressa ruħu fil-ġrajjiet li seħħew f'Birkirkara. Ħalla wkoll ġabra ta' poeżiji fuq temi diversi. Fis-snin sebgħin laħaq



*Il-Kavallier Vincent Parnis flimkien mal-President tas-Soċjetà Dun Filippu Borgia, l-Onor. Joe Debono Grech MP, dakinhar tal-ftuħ tas-sede tal-istess Soċjetà nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju 2011.*

kiteb artikli f'pubblikazzjoni, li kien joħroġ il-mibki ex-President tas-Soċjetà Joseph A. Deacon, dwar diversi temi u suġġetti relatati ma' Birkirkara u l-Kolleġġjata Elenjana li kienet il-mimmi t'għajnejn it-tnejn li huma.

Vincent kien jattendi regolarment għall-funzjonijiet liturġiċi li jiġu ċċelebrati fil-Kolleġġjata Elenjana u kien jgħasses li kollox isir skont id-drawwiet u l-użanzi leġittimi li missirijietna akkwistaw tul iż-żminijiet. Vincent, li kien President Onorarju tas-Soċjetà Dun Filippu Borgia, baqa' ukoll jattendi għas-seduti ġenerali tas-Soċjetà Dun Filippu Borgia, u wara l-millenju reġa' sar aktar attiv fis-Soċjetà u saħansitra reġa' involva ruħu b'mod attiv fil-Kumitat. Kien proprju f'dan iż-żmien li sirt aktar qrib tiegħu l-aktar meta fl-2006 sirt Segretarju tal-istess Soċjetà.

Kont nagħmel ħin twil niddiskuti miegħu ta' kuljum dwar id-drittijiet u l-patafjun ta' dokumenti tal-Kolleġġjata Elenjana. Konna nisimgħu lil xulxin u naħdmu biex dejjem nitgħallmu aktar. Kien f'dan il-perjodu li kien iddeċifra u ttraduċa ħafna manuskritti mil-Latin, dokumenti tal-Kolleġġjata u tas-Soċjetà li huma ta' importanza kbira għal min iħobb tabilħaqq l-istorja ta' Birkirkara.

Kien jitkellem b'tant għożża u fil-kitba tiegħu jibbrilla f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-qasam storiku u ġuridiku tal-Kolleġġjata Elenjana. Kien jaf fuq ponot subajh il-Bolla tat-twaqqif tal-Kolleġġjata ta' Urbanu VIII u jibda jikkwota l-interpretazzjoni tal-qrati f'dan ir-rigward, partikularment fuq l-klawsola sublata u d-digriet irritanti li jinsabu fl-istess dokument pontifiċju.

Għall-benefiċċju tal-qarrejja, din il-klawsola u dan id-digriet ġew imdaħħlin fil-Bolla sabiex ir-rieda tal-fundatur, li permezz tal-Bolla ġiet konfermata u awtorizzata, ma tiġix milquta minn kwalunkwe awtorità anke jekk ikun il-Papa nnifsu. Jekk issir xi revoka din l-istess revoka kellha tkun nulla u mingħajr effett.

Bħal donnu Vince ried ikun ċert li meta ħin bla waqt kellu jħalli din id-dinja jkun hemm oħrajn imrawmin u li kellhom għarfien tajjeb f'dan il-qasam. Fil-fatt permezz tal-ħidma tiegħu rnexxielu jiġbed aktar nies lejn is-Soċjetà. Minkejja li hu kien sittin sena ikbar minni, f'Vince sibt ħabib ta' veru. Hu kien bniedem ta' prinċipju u b'valuri sodi iżda fuq kollox patrijott Karkariż ferventi. Kien proprju bis-saħħa tiegħu u bl-appoġġ tas-Soċjetà, li ma ġietx imġarrfa, wara diversi tentattivi, in-niċċa tal-Infetti, li hija propjetà tiegħu u li llum ġiet irrestawrata.

Iżda l-mewt ma taħfirha lil ħadd. Għalkemm ta' età sabiħa, aħna li konna qribu, xorta nħsadna bil-mewt ta' Vincent Parnis. Bħal donnu ma xtaqna qatt ninfirdu minnu. Minkejja li fl-aħħar ftit xhur rajna diversi kambjamenti fih, Vince, għalina tas-Soċjetà Dun Filippu Borġia, baqa' pilastru kbir u punt ta' riferenza. Fl-aħħar tislima lil Vince flimkien mal-familjari tiegħu u r-rappreżentanti tas-Soċjetà ingħaqdu wkoll it-tliet baned Karkariżi li wassluh mill-knisja ta' San Pawl tal-Wied għall-Kolleġġjata Bażilika ta' Sant'Elena li tant ħabb, fejn ingħata l-aħħar tislima.

Għalija u għal dawk kollha li jgħożżu l-istorja tal-Kolleġġjata Elenjana u l-ġrajjiet li għadda minnu l-Poplu Karkariż, l-isem ta' Vincent Parnis jibqa' minqux fl-istorja ta' Birkirkara, u jibqa' f'moħħna għal dejjem.

Insellimlek ħabib! Grazzi ta' kollox.